MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Numru 419/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**RAYMUND FORMOSA**
**DIONYSIUS FORMOSA**

**Illum, 11 ta' Lulju,2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Raymund Formosa ta' 46 sena, bin George u Rose nee' Bugeja, imwieled Valletta fis-27.09.1956, u li joqghod f'l-indirizz: Blk A, Fl4, Corradino Road, Paola. Detentur tal-karta ta' l-identita' numru 625556M.

U lill-Dionysius Formosa ta’ 48 sena, bin George u Rose nee’ Bugeja, imwieled Bormla fis-16.11.1954, u li joqghod f’l-indirizz: 5 Triq l-Isqof Caruana, Zebbug. Detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 849354M gew akkuzati:

Talli fis-26 ta’ Frar 2002 fil-hanut “Kojak Stationery” Paola Hill, Paola, iffalsifikaw cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe boll tas-Sisa (bandaroll), illi meta jigu prezentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank privat jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern.

Fl-istess cirkustanzi xjentement ghamlu uzu mill-istess boll tas-Sisa hekk falsifikati.

Fl-istess cirkustanzi, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, u cioe boll tas-Sisa (bandaroll), b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkelli billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Fl-istess cirkustanzi, xjentement ghamlu uzu minn atti, kitba jew skritturi foloz.

Fl-istess cirkustanzi, xjentement qeghdu fic-cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall-bejgh jew importaw ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe numru ta’ pakketti tas-sigaretti foloz.

Fl-istess cirkustanzi bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw, jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-

awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta.

Billi fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT, huma akkuzati wkoll talli:

Fis-26 ta' Frar 2002 wara intervent u tfittxija li saret mill-ufficjali tal-Pulizija fil-fond "Kojak Stationery", Paola Hill, Paola, instab li xjentement kienu fil-pussess billi kellhom depozitati ghandhom u/jew ghal bejgh kwantita' ta' sigaretti kif jidher hawn taht, u dan bil-hsieb illi bil-qerq seta' jinharab illi jithallas id-dazju u/jew xorta ta' taxxa ohra dovuta fuq dawn is-sigaretti, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

a. Seba' (7) pakketti b'ghoxrin (20) sigaretti kull pakkett – Rothmans Blue bil-faxex tad-dazju tas-sisa falsifikat.
b. Pakkett b'ghoxrin (20) sigarett – Rothmans Blue minghajr faxxa tad-dazju tas-sisa
c. Hames (5) pakketti tas-sigaretti Rothmans Blue vojta izda bil-faxex tad-dazju tas-sisa falsifikati.

L-importazzjoni ta' dawn l-oggetti hawn fuq imsemmija hija projbita u/jew ristretta. Dawn gew maqbuda bin-Nota ta' Qbid numru 8/2003. Dawn ghandhom valur totali ta' ta' Lm3.25, dazju tas-sisa Lm7.68c3, levy ta' Lm1.69 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud li tammonta ghal Lm1.47c1, liema taxxa ma' gietx imhallsa u/jew kawtelata.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija thassar il-licenzja, jew inkella tissospendiha ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha ghat-termini ta' l-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-Dionysius Formosa u Raymund Formosa ghal hlas ta'

spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JC5 u nnutat li l-imputati ma ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputati rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u tathom ftit taz-zmien biex jiddeciedu jekk jikkonfermawx tali ammissjoni jew le u wara li l-imputati regghu gew mistoqsija jekk iridux jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom jew le l-imputati regghu wiegbu li huma hatja.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li ma hemmx spejjez inkorsi li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri stante li l-espert nominat Martin Bajjada, li l-inkarigu tieghu gie revokat illum fuq talba tal-Prosekuzzjoni, kien ghadu ma bediex bl-esekuzzjoni ta’ l-inkarigu tieghu u ghalhekk it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija, il-Qorti tikkundanna lill-Dionysius Formosa u Raymund Formosa ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri mhix applikabbli ghal din il-kawza.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal l-Ufficjal Prosekutur inoltre ddikjara li t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija il-Qorti thassar il-licenzja, jew inkella tissospendiha ghal xi zmien, fid-diskrezzjoni taghha ghat-termini ta’ l-artikolu 31 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta’ Malta ukoll mhix applikabbli ghall-kawza odierna stante li mill-atti ma jirrizultax li l-imputati diga’ kkommettew xi reat iehor li jwassal sabiex ikun applikabbli l-imsemmi artikolu li jirrikjedi kundanna

precedenti f’kazi simili. Difatti il-fedina penali tal-imputati hi wahda netta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 167, 169, 183, 184, 298(1) u 298B tal-Kap. 9, l-artikolu 31 tal-Kap. 441, l-artikoli 60(a) (b) (c) u (k), 62(a) (b) (c) (f) (g) (h) u (l), u paragrafu (a) tal-proviso ta’ l-artikolu 62 ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, l-artikoli 16 (d) (e) (f) (g) (h) u (j) u l-artikolu 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ 1995 dwar id-Dazju tas-Sisa u l-artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998).

Issib lill-imputati Raymund Formosa u Dionysius Formosa fuq ammissjoni, hatja ta’ l-akkuzi migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta taghhom u wara li rat fil-konfront taz-zewg imputati l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputati Raymund Formosa u Dionysius Formosa ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija kull wiehed u Lm25 multa kull wiehed u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda’ ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn millum l-imputati Raymund Formosa u Dionysius Formosa jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija u l-Qorti qed taghti lill-imputati Raymund Formosa u Dionysius Formosa l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti materjalment bhala dok. BJ1 u li kienu precedentement esebiti formalment bhala dok. PD3.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------